PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2010/0281(COD)**

16.2.2011

# EMENDI
# 50 - 410

**Abbozz ta' rapport**
**Elisa Ferreira**
(PE454.699v02-00)

dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi

Proposta għal regolament
(COM(2010)0527 – C7-0301/2010 – 2010/0281(COD))

AM_Com_LegReport

**Emenda 50**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi | Proposta għal regolament TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***Ewropej*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Ċitazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) ***u l-Artikolu 121(3)***, ***flimkien mal-Artikolu 148(3) u (4)*** tiegħu, |

Or. en

**Emenda 52**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Ċitazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u |

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) tiegħu, | b'mod partikolari l-Artikolu 121(6)***, 148(3) u 148(4)*** tiegħu, |

Or. en

**Emenda 53**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Ċitazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(6) ***flimkien mal-Artikolu 136*** tiegħu, |

Or. en

**Emenda 54**
**Antolín Sánchez Presedo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst ***fit-Trattat***, għandha tikkostitwixxi konformità mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli, il-finanzi pubbliċi sodi u l-kondizzjonijiet monetarji u bilanċ sostenibbli tal-pagamenti**.** | (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni ***għandha tiġi żviluppata fil-kuntest tal-linji gwida ġenerali ekonomiċi u tal-impjiegi bil-għan li jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni definiti fl-Artikolu 3 tat-TUE u t-twettiq tar-rekwiżiti*** kif previst ***fl-Artikolu 9 tat-TFUE***, ***u*** għandha tikkostitwixxi konformità mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli, il-finanzi pubbliċi sodi ***u sostenibbli*** u l-kondizzjonijiet monetarji u bilanċ sostenibbli tal-pagamenti. |

Or. en

**Emenda 55**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, ***kif previst fit-Trattat, għandha tikkostitwixxi konformità mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli,*** il-finanzi pubbliċi sodi u l-kondizzjonijiet monetarji u ***bilanċ sostenibbli*** tal-pagamenti. | (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni ***għandha bħala l-objettivi tagħha t-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-istandards għoljin tad-drittijiet soċjali. Dawn l-objettivi huma tali ħalli jiġġustifikaw il-koordinazzjoni ekonomika waqt li jqisu l-miżuri biex jikkontrollaw l-inflazzjoni,*** il-finanzi pubbliċi sodi u l-kondizzjonijiet monetarji, u ***l-bilanċ*** tal-pagamenti. |

Or. pt

**Emenda 56**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst fit-Trattat, għandha tikkostitwixxi konformità mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli, il-finanzi pubbliċi ***sodi*** u l-kondizzjonijiet monetarji ***u*** bilanċ sostenibbli tal-pagamenti. | (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst fit-Trattat, għandha tikkostitwixxi konformità mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli, ***livell għoli ta' impjiegi,*** il-finanzi pubbliċi ***sostenibbli*** u l-kondizzjonijiet monetarji***, il-kummerċ ġust bejn l-Istati Membri,*** bilanċ sostenibbli tal-pagamenti ***u koeżjoni soċjali u territorjali.*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst fit-Trattat, għandha tikkostitwixxi konformità ***mal-prinċipji gwida tal-prezzijiet stabbli, il-finanzi pubbliċi sodi u l-kondizzjonijiet monetarji u bilanċ sostenibbli tal-pagamenti***. | (1) Il-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri fl-Unjoni, kif previst fit-Trattat, għandha tikkostitwixxi konformità ***mal-linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika sabiex jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Is-suq intern, kif previst mit-TFUE, għandu jaħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Unjoni bbażat fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u stabilità tal-prezzijiet, ekonomija tas-suq soċjali kompetittiva ħafna, li timmira għal livell massimu ta' impjiegi u koeżjoni soċjali, u livell għoli ta' protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent.*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Artikolu 121(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-adozzjoni ta' linji gwida ġenerali tal-politika ekonomika u l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi l-adozzjoni tal-linji gwida tal-impjiegi.*** |

Or. en

**Emenda 60**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) Il-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 adotta strateġija ġdida għall-impjiegi u t-tkabbir, l-istrateġija tal-Ewropa 2020, biex l-Unjoni tkun tista' toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżi, u ddawwar l-ekonomija tagħha lejn tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, akkumpanjat minn livell għoli ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Il-Kunsill Ewropew iddeċieda wkoll li jniedi, fl-1 ta' Jannar 2011, is-simestru Ewropew għall-koordinament tal-politika biex jippermetti lill-Istati Membri jibbenefikaw minn koordinazzjoni bikrija fil-livell tal-Unjoni u biex is-sorveljanza msaħħa u evalwazzjoni simultanja, kemm tal-miżuri baġitarji kif ukoll tar-riformi strutturali, ikunu jistgħu jrawmu t-tkabbir u l-impjiegi.*** |

Or. en

**Emenda 61**
**Othmar Karas, Hannes Swoboda**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-għan ta' koordinazzjoni ekonomika b'saħħitha għandha tkun it-twaqqif ta' unjoni ekonomika u soċjali stabbli bbażata fuq il-prinċipji tal-proċedura komunitarja.*** |

Or. en

**Emenda 62**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Hemm bżonn li nibnu fuq l-esperjenza*** miksuba matul l-ewwel għaxar snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomiku* u monetarja. | (2) ***L-esperjenza*** miksuba matul l-ewwel għaxar snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomika* u monetarja ***turi ħtieġa għal governanza ekonomika mtejba fl-Unjoni, li għandha tinbena fuq sjieda nazzjonali aktar b'saħħitha tar-regoli u l-politiki maqbula b'mod komuni u fuq qafas ta' sorveljanza aktar b'saħħitha fil-livell tal-Unjoni tal-politiki nazzjonali ekonomiċi u baġitarji.*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Hemm bżonn li ***nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-ewwel*** għaxar snin ***tat-tħaddim*** tal-unjoni *ekonomiku* u monetarja. | (2) Hemm bżonn ***urġenti*** li ***nitgħallmu mill-ewwel*** għaxar snin ***wara t-twaqqif*** tal-unjoni *ekonomika* u monetarja***, u, b'mod partikolari, mill-kriżi ekonomika persistenti, il-livelli ta' qgħad għoljin b'mod intollerabbli u kontinwi u diverġenzi dejjem jiżdiedu bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u mill-vulnerabilità sal-attakki spekulattivi tal-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Gunnar Hökmark**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Hemm bżonn li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-ewwel għaxar snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomiku* u monetarja. | (2) Hemm bżonn li nibnu fuq l-esperjenza miksuba ***u nifhmu l-konsegwenzi mid-dgħufijiet ovvji li l-kriżi enfasizzat*** matul l-ewwel għaxar snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomika* u monetarja. |

Or. en

**Emenda 65**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Hemm*** bżonn li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-ewwel għaxar snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomiku* u monetarja. | (2) ***Biex tissaħħaħ l-unjoni ekonomika u monetarja hemm*** bżonn li nibnu fuq l-esperjenza miksuba matul l-ewwel għaxar |

| | |
|---|---|
| | snin tat-tħaddim tal-unjoni *ekonomika* u monetarja. |

Or. en

**Emenda 66**
**Antolín Sánchez Presedo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-qafas imtejjeb ta' governanza ekonomika għandu jistrieħ fuq diversi politiki interkonnessi u koerenti, jiġifieri strateġija tal-Unjoni għall-impjiegi u t-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, Simestru Ewropew għall-koordinament imsaħħaħ ta' politiki ekonomiċi u baġitarji, qafas effikaċi għall-prevenzjoni u korrezzjoni ta' pożizzjonijiet baġitarji eċċessivi (il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir), qafas b'saħħtu għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, regolamentazzjoni u superviżjoni tas-suq finanzjarju msaħħaħ (inkluża s-superviżjoni makroprudenzjali mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku), u mekkaniżmu kredibbli għar-riżoluzzjoni permanenti ta' kriżi, qafas finanzjarju multiannwali u baġit tal-Unjoni akbar b'riżorsi ġodda finanzjarji u tiegħu stess, li għandhom ikunu mmirati biex itejbu l-koordinazzjoni ekonomika u jinkisbu l-objettivi tal-Unjoni*** |

Or. en

**Emenda 67**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-qafas imtejjeb ta' governanza ekonomika għandu jistrieħ fuq diversi politiki interkonnessi għal tkabbir u impjiegi sostenibbli, li jeħtieġ li jkunu koerenti, jiġifieri strateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi, il-qafas ta' sorveljanza multilaterali (is-Simestru Ewropew), proċedura għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' pożizzjonijiet baġitarji eċċessivi (il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir), qafas b'saħħtu għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, regolamentazzjoni u superviżjoni tas-suq finanzjarju msaħħaħ (inkluża s-superviżjoni makroprudenzjali mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku), u Fond Monetarju Ewropew biex jiġbor flimkien perċentwal ta' djun sovrani tal-Istati Membri, biex jgħinhom isolvu l-kriżi finanzjarja u biex jiffinanzja l-investimenti li jistgħu jsaħħu t-tkabbir ekonomiku*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-kisba u ż-żamma ta' Suq Uniku dinamiku għandha titqies element tal-funzjonament tajjeb u bla xkiel tal-unjoni ekonomika u monetarja.*** |

Or. en



MT

**Emenda 69**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Tinħtieġ soluzzjoni komprensiva u integrata għall-kriżi tad-dejn fiż-żona tal-euro ladarba approċċ pass pass sal-lum għadu ma tax riżultati.*** |

Or. en

**Emenda 70**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) Sabiex jissaħħaħ it-tkabbir ekonomiku u jiġu appoġġjati l-objettivi tal-Ewropa 2020(I), l-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet li ma ntużawx għandhom jiġu riallokati għal programmi komuni mmirati lejn it-tkabbir, il-kompetittività u x-xogħol, (II) il-kapaċitajiet ta' self tal-BEI kif ukoll il-ħolqien ta' suq ta' bonds tal-proġetti għandu jiġbed fondi minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra u investituri privati fis-suq tal-kapital bħall-fondi tal-pensjonijiet u assiguraturi biex jiffinanzjaw proġetti Ewropej.*** |

Or. en

**Emenda 71**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2d) It-tisħiħ tal-governanza ekonomika għandu jimxi id f'id mat-tisħiħ tal-legittimità demokratika tal-governanza ekonomika fl-Unjoni, li għandu jintlaħaq permezz tal-involviment aktar mill-qrib u f'waqtu tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali tul il-proċessi ta' koordinament tal-politika ekonomika u dik baġitarja.*** |

Or. en

**Emenda 72**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2e) Il-qafas tas-sorveljanza multilaterali (Is-Simestru Ewropew) għandu jkollu rwol vitali fl-implimentazzjoni tar-rekwiżit skont l-Artikolu 121(1) TFUE li l-Istati Membri għandhom iqisu l-politiki ekonomiċi tagħhom bħala materja ta' interess komuni u li huma għandhom jikkoordinawhom skont dan. It-trasparenza u s-superviżjoni indipendenti huma parti integrali mill-governanza ekonomika msaħħa. Il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jippubblikaw u jistipulaw ir-raġunijiet għall-pożizzjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħhom fl-istadji xierqa tal-proċeduri tal-koordinament tal-politika ekonomika u baġitarja.*** |

Or. en

**Emenda 73**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2f) Ir-reazzjoni politika tal-Istati Membri għall-evalwazzjonijiet, id-deċiżjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u t-twissijiet maħruġa lilhom mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill fil-qafas tas-Simestru Ewropew għandha titqies (i) fil-proċeduri ta' infurzar tal-partijiet preventivi u korrettivi tal-Patt ta' Stabilità u fil-miżuri ta' infurzar biex jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi makroekonomiċi fiż-żona tal-euro, (iii) fl-assigurar li l-kondizzjonijiet konnessi mal-allokazzjonijiet tal-Fond Monetarju Ewropew ikunu adatti b'mod adegwat għall-prinċipji fundamentali tal-Istati Membri u biex jassiguraw li l-politika ekonomika tagħhom tkun miexja sewwa, (iv) fl-assigurar li l-assistenza finanzjarja tal-Fond Monetarju Ewropew tmewwet ix-xokkijiet ta' aġġustament ekonomiku, tgħinhom biex jevitaw kontumaċji sovrani, jiffrankaw kostijiet fuq pajjiżi oħra permezz ta' kontaġju u jiggarantixxu l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro kollha kemm hi*** |

Or. en

**Emenda 74**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2 g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2g) Il-Kummissjoni għandu jkollha rwol aktar b'saħħtu u aktar indipendenti fil-proċedura tas-sorveljanza msaħħa. Dan*** |

***jikkonċerna evalwazzjonijiet, monitoraġġ, missjonijiet, rakkomandazzjonijiet u twissijiet speċifiċi għal Stati Membri. Barra minn hekk, ir-rwol tal-Kunsill jinħtieġ jiġi ridott fil-passi li jwasslu għal sanzjonijiet potenzjali u l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata invertita fil-Kunsill jinħtieġ tintuża kull fejn hu possibbli f'konformità mat-TFUE. Il-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta lill-Istat Membru konċernat u dawk li ma jkunux qed jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jieħdu azzjoni korrettiva skont il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir jew biex jindirizzaw żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi m'għandhomx jipparteċipaw fil-votazzjoni.***

Or. en

**Emenda 75**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) B'mod partikolari, is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri għandha titwessa' lil hinn mis-sorveljanza biex tevita żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u tgħin lill-Istati Membri affettwati jwettqu l-pjanijiet korrettivi qabel id-diverġenzi jippersistu. Dan it-twessigħ tal-qafas tas-sorveljanza ekonomika għandu jimxi flimkien mat-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali.*** | ***imħassra*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) B'mod partikolari, is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri għandha titwessa' lil hinn mis-sorveljanza biex tevita żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi ***u tgħin lill-Istati Membri affettwati jwettqu l-pjanijiet korrettivi qabel id-diverġenzi jippersistu. Dan it-twessigħ tal-qafas tas-sorveljanza ekonomika għandu jimxi flimkien mat-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali***. | (3) B'mod partikolari, is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri għandha titwessa' lil hinn mis-sorveljanza biex tevita żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi ***fi ħdan l-Unjoni***. |

Or. pt

**Emenda 77**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) B'mod partikolari, is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri għandha titwessa' lil hinn mis-sorveljanza biex tevita żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u tgħin lill-Istati Membri affettwati jwettqu l-pjanijiet korrettivi qabel id-diverġenzi jippersistu. Dan it-twessigħ tal-qafas tas-sorveljanza ekonomika għandu jimxi flimkien mat-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali. | (3) B'mod partikolari, is-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri għandha titwessa' lil hinn mis-sorveljanza biex tevita żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u ***vulnerabilitajiet u*** tgħin lill-Istati Membri affettwati jwettqu l-pjanijiet korrettivi qabel id-diverġenzi jippersistu. Dan it-twessigħ tal-qafas tas-sorveljanza ekonomika għandu jimxi flimkien mat-tisħiħ tas-sorveljanza fiskali. |

Or. en

**Emenda 78**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-iżbilanċi interni għandhom jiġu kkunsidrati fl-istudju tal-iżbilanċi makroekonomiċi, inkluż id-dejn privat u pubbliku, l-evoluzzjoni u l-oriġini tiegħu (domestika jew internazzjonali) u pagamenti tard tal-pajjiż, speċjalment mis-settur pubbliku u kumpaniji multinazzjonali kbar sa SMEs.*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) L-iżviluppi tas-suq intern għandhom ukoll jiġu kkunsidrati, inkluża r-rabta bejn il-pagi u l-produttività fis-suq tax-xogħol u l-eżistenza ta' ostakli legali li ma jippermettux ftehim dirett ħieles bejn l-intrapriżi u l-ħaddiema*** |

Or. en

**Emenda 80**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex ikunu indirizzati tali żbilanċi, | (4) Biex ikunu indirizzati tali żbilanċi, |

| | |
|---|---|
| hemm bżonn ***li tkun stipulata proċedura fid-dettall fil-leġiżlazzjoni***. | hemm bżonn ***id-dispożizzjoni biex jiġu riveduti l-prijoritajiet politiċi u ekonomiċi u l-adattament tal-politiki monetarji, ekonomiċi u soċjali Ewropej u nazzjonali, inkluża koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Biex ikunu indirizzati tali żbilanċi, hemm bżonn li tkun stipulata proċedura fid-dettall fil-leġiżlazzjoni. | (4) Biex ikunu indirizzati tali żbilanċi ***u vulnerabilitajiet***, hemm bżonn li tkun stipulata proċedura fid-dettall fil-leġiżlazzjoni. |

Or. en

**Emenda 82**
**Wolf Klinz, Burkhard Balz, Gunnar Hökmark, Olle Schmidt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Ir-Regolament KE Nru XX/2011 ma jindirizzax is-sitwazzjoni attwali fuq terminu qasir ta' żmien iżda aktarx f'approċċ strutturali għal terminu medju sa terminu twil ta' żmien.*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Burkhard Balz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-qafas għall-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi u l-qafas sħiħ tal-governanza ekonomika għandhom jikkumplimentaw l-istrateġija tal-Unjoni għat-tkabbir u l-impjiegi li timmira biex tagħti spinta lill-kompetittività u l-istabilità soċjali tal-Unjoni u għandhom ikunu kompatibbli magħha. Madankollu, dawn l-interkonnessjonijiet la għandhom jipprovdu eżenzjonijiet għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u lanqas eżenzjonijiet għall-Patt ta' Stabilità u Tkabbir.*** |

Or. en

**Emenda 84**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Sabiex jintlaħqu l-objettivi komuni riveduti, ir-regoli tal-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, kif ukoll l-UEM jeħtieġu jiġu definiti mill-ġdid, sabiex jiġi indirizzat b'mod aktar effettiv it-theddid deflazzjonarju għall-ekonomija Ewropea.*** |

Or. en

**Emenda 85**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Il-mekkaniżmu permanenti tal-kriżi għandu jiġi adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u spirat mill-metodu tal-Unjoni, sabiex, fuq naħa, jissaħħaħ l-involviment tal-Parlament u titjieb il-kontabilità demokratika u, fuq in-naħa l-oħra, jagħmel użu mill-ħila esperta, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

**Emenda 86**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4b) Il-volatilità tas-swieq u l-livelli tal-firxiet tal-bonds tal-gvern ta' ċerti Stati Membri li l-valuta tagħhom hija l-ewro qegħdin jistennew azzjoni determinata biex tiġi mħarsa l-istabilità tal-ewro.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 c (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(4c) Il-FME għandu jaqdi tliet skopijiet: għandu jkopri perċentwal tad-dejn sovran mill-Istati Membri li jista' jitħallas mingħajr riskju tal-istabilità finanzjarja ta' xi Stat Membru ieħor jew taż-żona tal-euro kollha (Eurosecurities); għandu jgħin kwalunkwe Stat Membru b'diffikultajiet finanzjarji biex isolvi l-kriżi li jista' jkun involut fiha (mekkaniżmu permanenti għar-riżoluzzjoni ta' kriżi); u, fl-aħħar nett, jimmobilizza riżorsi biex jiffinanzja investimenti li jistgħu jippromwovu t-tkabbir ekonomiku (bonds tal-proġetti).*** |

Or. en

**Emenda 88**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 d (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(4d) L-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro għandhom jiġbru flimkien sa {...} perċentwal tad-dejn sovran taħt diversi responsabilitajiet konġunti (Eurosecurities). Filwaqt li l-ħruġ komuni jżid il-likwidità tal-bonds fuq is-suq tal-kapital, ir-responsabilità komuni sservi biex tgħin lil dawk l-istati li jiffaċċjaw diffikultajiet akbar biex jiġbru l-kapital. L-Eurosecurities jieħdu prijorità fuq id-dejn li jkollhom il-gvernijiet nazzjonali. Dawn jistgħu jgħinu biex tiġi promossa l-euro bħala munita ta' riserva.*** |

Or. en

**Emenda 89**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4e) Biex tissaħħaħ id-dixxiplina fiskali dawk il-pajjiżi li għandhom politiki ekonomiċi u fiskali kredibbli għandhom jitħallew jissellfu sa {...} perċentwal kollu tal-PGD tagħhom, filwaqt li pajjiżi b'pożizzjoni ekonomika u fiskali dgħajfa jkunu jridu jħallsu primjum/rata ta' imgħax ekstra jew ikunu jistgħu jissellfu biss proporzjon anqas tal-PGD fl-Eurosecurities. F'każ estrem, jekk pajjiż parteċipanti kien konsistentement isegwi politiki ekonomiċi u fiskali mhux sostenibbli, il-parteċipazzjoni tiegħu fil-ħruġ tal-Eurosecurities tkun sospiża.*** |

Or. en

**Emenda 90**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4 f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4f) Għandu jitwaqqaf Fond Monetarju Ewropew, ġestit skont ir-regoli tal-Unjoni u ffinanzjat b'mod partikolari bid-dħul mill-multi sabiex jissalvagwardja l-istabilità finanzjarja taż-żona tal-euro kollha. Dak il-fond għandu jkun ibbażat fuq id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill tad-9 u l-10 ta' Mejju 2010 u d-Dikjarazzjoni mill-Grupp Euro tat-28 ta' Novembru 2010.*** |

Or. en

**Emenda 91**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat b'regoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. | (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat b'regoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. ***L-iżbilanċi makroekonomiċi huma definiti bħala sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jesperjenza defiċits kbar tal-kont kurrenti, telf sinifikanti tal-kompetittività, żidiet kbar u mhux tas-soltu fil-prezzijiet tal-assi, livelli għoljin ta' jew deterjorazzjoni sinifikanti fl-istat tad-dejn estern, tas-settur pubbliku jew tas-settur privat jew riskju sinifikanti tiegħu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tad-definizzjoni tal-iżbilanċi skont il-proposta tal-BĊE.*

**Emenda 92**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat b'regoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. | (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat b'regoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi***, liema proċedura hija assolutament*** |

| | |
|---|---|
| | ***essenzjali biex jiġi inkorporat iċ-ċiklu annwali ta' sorveljanza multilaterali.*** |

Or. hu

**Emenda 93**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat b'regoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi. | (5) Huwa xieraq li tkun supplimentata s-sorveljanza multilaterali msemmija fl-Artikolu 121(3) u (4) tat-Trattat bregoli speċifiċi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u l-vulnerabilitajiet***. |

Or. en

**Emenda 94**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-konsolidazzjoni tas-Suq Uniku Ewropew hija prekondizzjoni essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament korrett u t-tisħiħ tal-unjoni ekonomika u monetarja. F'dan is-sens, huwa meħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli regolatorji u fiżiċi eżistenti li jagħmluha impossibbli biex tinkiseb żona ferrovjarja unika Ewropea speċjalment fit-trasport tal-merkanzija.*** |

Or. en

**Emenda 95**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-proċedura għandha sserraħ fuq mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni ***indikattiva u*** trasparenti kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku. | (6) Il-proċedura għandha sserraħ fuq mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni trasparenti ***li tinkludi limiti indikattivi,*** kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku ***uniformi***. |

Or. hu

**Emenda 96**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-proċedura għandha ***sserraħ fuq*** mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni indikattiva u trasparenti kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku. | (6) Il-proċedura għandha ***tistabbilixxi*** mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni indikattiva u trasparenti kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku ***u soċjali***. |

Or. pt

**Emenda 97**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-proċedura għandha sserraħ fuq | (6) Il-proċedura għandha sserraħ fuq |

| | |
|---|---|
| mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni indikattiva u trasparenti kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku. | mekkaniżmu ta' twissija għal detezzjoni bikrija tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u l-vulnerabilitajiet*** li jitfaċċaw. Għandha tkun ibbażata fuq l-użu ta' tabella ta' valutazzjoni indikattiva u trasparenti kkumbinata mal-ġudizzju ekonomiku. |

Or. en

**Emenda 98**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella ***tista'*** tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | (7) ***Sabiex*** it-tabella ta' valutazzjoni ***tiffunzjona b'mod effikaċi bħala l-bażi għas-sorveljanza mtejba tal-makroekonomija, it-tabella ta' valutazzjoni*** għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. ***Is-simetrija fl-interpretazzjoni tal-limiti numeriċi tfisser li l-valuri pożittivi jew negattivi eċċessivi kif ukoll l-evoluzzjonijiet diverġenti ta' indikaturi simili fost l-Istati Membri għandha tagħti bidu għal reviżjoni aktar mill-qrib.*** Il-kompożizzjoni tat-tabella ***għandha*** tevolvi ***maż-żmien sabiex tadatta għan-natura dejjem tinbidel tal-iżbilanċi makroekonomiċi***, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. |

Or. en

**Emenda 99**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi ***u*** finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella ***tista'*** tevolvi matul iż-żmien***, inter alia minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti***. | (7) ***Jekk*** it-tabella ta' valutazzjoni ***trid tiffunzjona b'mod effikaċi bħala l-bażi għal sorveljanza makroekonomika, din*** għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi, finanzjarji ***u soċjali*** relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu ***li m'għandhomx jintwerew bħala rekwiżiti tal-politika ekonomika.*** Il-kompożizzjoni tat-tabella ***għandha*** tevolvi matul iż-żmien***, sabiex tqis il-karattru evoluzzjonarju tal-iżbilanċi makroekonomiċi, l-aktar permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi jew limiti ġodda jew il-modifikazzjoni ta' dawk li jeżistu.*** |

Or. pt

**Emenda 100**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella ***tista'*** tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | (7) ***Sabiex it-tabella ta' valutazzjoni tiffunzjona b'mod effikaċi bħala l-bażi għas-sorveljanza mtejba tal-makroekonomija,*** it-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi ***reali u nominali, socjali*** u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u soċjali***, bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella ***għandha*** tevolvi |

| | |
|---|---|
| | ***maż-żmien sabiex tadatta għan-natura li qed tinbidel tal-iżbilanċi makroekonomiċi u għandha tiġi emendata permezz ta' atti delegati, jekk ikun meħtieġ,*** *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. |

Or. en

**Emenda 101**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett ***limitat*** ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella ***tista'*** tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika ***li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti***. | (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. ***Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-indikaturi, flimkien mal-limiti li huma jirrakkomandaw, qabel kull perjodu ta' ppjanar baġitarju,*** *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika. |

Or. hu

**Emenda 102**
**Saïd El Khadraoui**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi | (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi |

| | |
|---|---|
| bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti.<br>***Dawn l-indikaturi għandhom iqisu bis-sħiħ u m'għandhom bl-ebda mod idgħajfu s-sistemi nazzjonali differenti għall-adattament tal-pagi mal-għoli tal-ħajja li kienu stabbiliti bħala strument ta' bilanċ soċjali sabiex tiġi ppreservata l-kapaċità tal-akkwist taċ-ċittadini;*** |

Or. fr

**Emenda 103**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. ***Il-limiti indikattivi tagħha għandhom ikunu l-istess għall-Istati Membri kollha sabiex ikun hemm standards ċari u komuni.*** |

Or. en

**Emenda 104**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ***ekonomiċi u finanzjarji*** relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti ***aktar 'l isfel jew aktar 'il fuq*** indikattivi li jikkorrispondu***, bħal m'hemm għall-kont kurrenti u l-ispiża għal kull unità ta' ħidma.*** Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. |

Or. en

**Emenda 105**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. | (7) It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun magħmula minn sett limitat ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji relevanti għad-detezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u vulnerabilitajiet***, bil-limiti indikattivi li jikkorrispondu. Il-kompożizzjoni tat-tabella tista' tevolvi matul iż-żmien, *inter alia* minħabba theddid lill-istabilità makroekonomika li jevolvi jew minħabba l-avvanzi fid-disponibilità ta' statistika relevanti. |

Or. en

**Emenda 106**
**José Manuel García-Margallo y Marfil, Pablo Zalba Bidegain, Íñigo Méndez de Vigo**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) It-twettiq ta' politika fiskali prudenti u sostenibbli għandha tikseb u żżomm b'mod effikaċi l-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien. L-adeżjoni mal-objettiv baġitarju fuq terminu medju ta' żmien għall-pożizzjonijiet baġitarji għandha tippermetti lill-Istati Membri jkollhom marġini ta' sikurezza fir-rigward tal-valur ta' referenza ta' 3% tal-PGD, li jassiguraw progress rapidu lejn is-sostenibilità, u fl-istess waqt ikollhom spazju għall-immanuvrar baġitarju, partikolarment billi jqisu l-ħtiġijiet tal-investiment pubbliku.*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Kriterji simetriċi ma jitqisux fl-implimentazzjoni tal-multi għall-bilanċi favorevoli kummerċjali jew żbilanċi kummerċjali.*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. Il-ġudizzju ekonomiku għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva. | (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. ***Meta jiġi identifikat żbilanċ abbażi tal-indikaturi, il-Kummissjoni tenfasizza, fejn xieraq, jekk l-iżbilanċ tal-Istati Membri jkunx lejn l-Istati Membri tal-UE jew lejn il-bqija tad-dinja u dan tqisu kif suppost fil-konklużjonijiet tagħha.*** Il-ġudizzju ekonomiku għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva. |

Or. en

**Emenda 109**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li ***t-tfassil tal-politika*** għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. ***Il-ġudizzju ekonomiku għandu jiżgura li l-biċċiet*** kollha tal-informazzjoni, sew jekk ***ġejjin*** mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u ***jsiru*** parti minn analiżi | (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li ***l-analiżi*** għandha tqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. ***It-tabella ta' valutazzjoni m'għandhiex tintuża b'mod mekkaniku: l-interpretazzjoni tal-iżbilanċi għandha tagħmel użu mill-biċċiet*** kollha tal-informazzjoni, sew jekk ***dawn huma*** |

komprensiva.

mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew ***kif suppost*** f'perspettiva u ***jagħmlu*** parti minn analiżi komprensiva.

Or. pt

**Emenda 110**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. Il-ġudizzju ekonomiku għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva. | (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi ***jew soċjali kif ukoll il-mument taċ-ċiklu ekonomiku li ekonomija ssib ruħha fih.*** Il-ġudizzju ekonomiku għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva. |

Or. en

**Emenda 111**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. Il-ġudizzju ekonomiku | (8) Il-qbiż ta' limitu indikattiv wieħed jew aktar m'għandux bilfors jimplika li qed jitfaċċaw l-iżbilanċi makroekonomiċi peress li t-tfassil tal-politika għandu jqis l-interkonnessjonijiet bejn il-varjanti makroekonomiċi. Il-ġudizzju ekonomiku |

| | |
|---|---|
| għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva. | għandu jiżgura li l-biċċiet kollha tal-informazzjoni, sew jekk ġejjin mit-tabella ta' valutazzjoni, sew jekk le, jitpoġġew f'perspettiva u jsiru parti minn analiżi komprensiva***, li ma titteħidx barra mill-kuntest***. |

Or. hu

**Emenda 112**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. ***Jista' jkun li dawn*** jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. | (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. ***Dawn m'għandhomx ifixklu r-responsabilità tal-Istat Membru biex isegwi l-politika ekonomika għat-tkabbir u l-kompetittività akbar, iżda*** jistħoqqilhom ***integrazzjoni fit-tabella ta' valutazzjoni u*** azzjoni ta' segwitu xierqa ***mill-Kummissjoni*** fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi ***ta' importanza*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-istabilità ekonomika u finanzjarja tal-Unjoni u tal-Istat Membru.*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. Jista' jkun li dawn jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. | (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. Jista' jkun li dawn jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. ***Ir-reġim ta' indipendenza u kunfidenzjalità tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku għandu jiġi strettament rispettat.*** |

Or. en

**Emenda 151**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. Jista' jkun li dawn jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. | (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. Jista' jkun li dawn jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi ***u l-vulnerabilitajiet***. ***Ir-reġim ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***indipendenza u kunfidenzjalità tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku għandu jiġi strettament rispettat.*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. ***Jista' jkun li*** dawn jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. | (13) It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrija tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku lill-Istati Membri jew lill-Unjoni jindirizzaw riskji ta' natura makrofinanzjarja. Dawn ***għandu jkunu ukoll*** jistħoqqilhom azzjoni ta' segwitu xierqa ***mill-Kummissjoni*** fil-kuntest tas-sorveljanza tal-iżbilanċi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-twissijiet u r-rakkomandazzjonijiet bikrin tal-ESRB m'għandhomx jiġu integrati fit-tabella ta' valutazzjoni.*

**Emenda 153**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' | (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi ***pożittivi jew negattivi***, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, ***jew il-koeżjoni soċjali tagħha,*** |

tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva.

għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut ***u mhux ġustifikat*** biex tittieħed azzjoni korrettiva.

Or. en

**Emenda 154**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva. | (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi ***u vulnerabilitajiet***, inklużi żbilanċi ***u vulnerabilitajiet*** li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva. |

Or. en

**Emenda 155**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ***lill-Istat Membru***, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseaħħin u fir-rispett tal-Istat Membri ***li l-valuta tagħhom hija l-euro***, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva. | (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet ***lill-Istati Membri kkonċernati***, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseaħħin u fir-rispett tal-Istat Membri, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…][1] fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva. |

Or. en

**Emenda 156**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi ***severi***, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseaħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…]*[1]* fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva. | (14) Jekk ikunu identifikati żbilanċi makroekonomiċi ***eċċessivi***, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja, għandha titnieda proċedura ta' żbilanċ eċċessiv li tista' tinkludi ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru, ħtiġijiet ta' sorveljanza u monitoraġġ imseaħħin u fir-rispett tal-Istat Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro, il-possibilità ta' infurzar skont ir-Regolament (EU) Nru […/…]***[1]*** fl-eventwalità ta' nuqqas sostnut biex tittieħed azzjoni korrettiva.<br>***[1] ĠU L […], […], […].*** |

Or. en

**Emenda 157**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. Din għandha tkun approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. | (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv ***kif ukoll l-Istati Membri fil-bidu tal-iżbilanċ,*** għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti ***u valutazzjoni tal-impatti mistennija għall-gruppi bi dħul varju biex tiġi assigurata l-ġustizzja soċjali ta' dawn il-miżuri.*** Din għandha tkun ***suġġetta għal konsultazzjoni tal-imsieħba soċjali nazzjonali u ġġib l-approvazzjoni tal-parlament nazzjonali qabel tkun*** approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 158**
**Olle Ludvigsson**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan | (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan |

| | |
|---|---|
| ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. Din għandha tkun approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. | ta' azzjoni korrettiva għandu ***jirrifletti n-natura tal-iżbilanċi, ikun ristrett għall-aspetti politiċi taħt il-kontroll leġittimu tal-awtoritajiet tal-gvern u*** jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. Din għandha tkun approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. |

Or. en

**Emenda 159**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. Din għandha tkun approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni. | (15) Kwalunkwe Stat Membru soġġett għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandu jistabbilixxi pjan ta' azzjoni korrettiva li jistipula dettalji tal-politiki tiegħu mfassla biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill. Il-pjan ta' azzjoni korrettiva għandu jinkludi tabella ta' skadenza għall-implimentazzjoni tal-miżuri previsti. Din għandha tkun approvata mill-Kunsill abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni ***u wara jiġi kkonsultat il-Parlament Ewropew.*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Wolf Klinz, Burkhard Balz, Ramon Tremosa i Balcells, Anneli Jäätteenmäki, Gunnar Hökmark, Olle Schmidt**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-miżuri previsti għall-prevenzjoni*** |

***u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi m'għandhomx iwasslu għal ekonomija ċentralment ippjanata għall-Istati Membri tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja Ewropea***

Or. en

**Emenda 161**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma għalkollox konsistenti mal-Artikolu 3 tat-Trattat u l-klawsoli orizzontali tat-TFUE, jiġifieri l-Artikoli 7, 8, 9, 10 u 11, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 26 u l-Artikolu 153(5)*** |

Or. en

**Emenda 162**

**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Dan ir-Regolament ma jaffettwax l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u mil-liġi tal-Unjoni. Lanqas ma jaffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi u biex tittieħed azzjoni industrijali skont il-liġi u l-prattiki nazzjonali li jirrispettaw il-liġi tal-Unjoni*** |

Or. en

**Emenda 163**
**Philippe Lamberts, Sven Giegold**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) Sabiex titrawwem il-kontabilità u s-sjieda nazzjonali, il-Kunsill għandu jiltaqa' u jiddelibera pubblikament meta dan se jiddiskuti u jadotta l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet importanti li jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 164**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15d) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tat-tabella ta' valutazzjoni. B'mod partikolari, l-atti delegati huma meħtieġa biex tiġi stabbilita lista ta' indikaturi rilevanti li għandhom jiddaħħlu fit-tabella ta' valutazzjoni kif ukoll biex jiġu adattati l-kompożizzjoni tal-indikaturi, il-limiti u l-metodoloġija użata. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti.*** |

Or. en

**Emenda 165**
**Gunnar Hökmark**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tat-tabella ta' valutazzjoni. B'mod partikolari, l-atti delegati huma meħtieġa biex tiġi stabbilita lista ta' indikaturi rilevanti b'effett kruċjali fuq l-objettivi fuq terminu medju ta' żmien għall-finanzi pubbliċi stabbli u l-istabilità tal-unjoni monetarja.*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tat-tabella ta' valutazzjoni bħala għodda biex tiffaċilita l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-esperti.*** |

Or. en

**Emenda 167**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Peress li qafas effettiv għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri minħabba kummerċ qawwi u interkonnessjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-effett laterali tal-politiki ekonomiċi nazzjonali fuq l-Unjoni u ż-żona tal-euro b'mod ġenerali u jista' jinkiseb aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, | (16) Peress li qafas effettiv għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u l-vulnerabilitajiet*** ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri minħabba kummerċ qawwi u interkonnessjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-effett laterali tal-politiki ekonomiċi nazzjonali fuq l-Unjoni u ż-żona tal-euro b'mod ġenerali u jista' jinkiseb aħjar fuq il-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulati fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, |

Or. en

**Emenda 168**
**Thomas Händel**

**Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1 Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 169**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati ***għad-detezzjoni***, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***fl-Unjoni***. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati ***għad-definizzjoni, id-detezzjoni***, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***bejn l-Istati Membri u tal-Unjoni b'mod ġenerali***. |

Or. en

**Emenda 170**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***fl-Unjoni***. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***bejn l-Istati Membri u tal-Unjoni b'mod ġenerali*** |

Or. en

**Emenda 171**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi fl-Unjoni. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi ***u l-vulnerabilitajiet*** fl-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 172**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" ***u vulnerabilitajiet*** tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali ***minħabba d-dehra ta' żbilanċi kbar fil-kont kurrenti, telf sinifikanti tal-kompetittività, prezzijiet tal-assi minfuħin, livell għoli ta' stat ta' dejn estern, fis-settur pubbliku jew fis-settur privat, l-istat ta' dejn li sejjer għall-agħar jew riskju sinifikanti li tqajjem xi waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet.*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***makroekonomiċi li qed*** jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru ***jew tal-unjoni ekonomika u monetarja,*** jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***li jiddevjaw kostantement bejn id-domanda globali u l-provvista globali li jwasslu għal bilanċ favorevoli jew żbilanċ sistematiku fil-pożizzjoni ġenerali tat-tifdil ta' ekonomija li jew***<br><br>**-** jaffettwaw negattivament ***l-iżvilupp sostenibbli ta' Stat Membru jew tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni b'mod ġenerali jew*** |
| | **-** għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 174**
**Wolf Klinz, Ramon Tremosa i Balcells, Gunnar Hökmark**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali***, partikolarment minħabba żbilanċi kbar fil-kont kurrenti, livelli ta' dejn telgħin jiġru jew livelli baxxi kontinwi ta' kompetittività.*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal- | (a) "żbilanċi" tfisser ***kompetittività li tmur għall-agħar kostantement u/jew*** żviluppi makroekonomiċi ***oħra*** li qed jaffettwaw negattivament, jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal- |

Unjoni b'mod ġenerali.

Unjoni b'mod ġenerali ***u l-konsiderazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti tas-Suq Uniku***.

Or. en

**Emenda 176**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***makroekonomiċi*** li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru ***jew tal-unjoni ekonomika u monetarja,*** jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi ***makroekonomiċi"*** tfisser żviluppi ***li jiddevjaw kostantement bejn id-domanda globali u l-provvista globali li jwasslu għal bilanċ favorevoli jew żbilanċ sistematiku fil-pożizzjoni ġenerali tat-tifdil ta' ekonomija, kompetittività li tmur għall-agħar kostantement u/jew żviluppi soċjali*** li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta'***, jew il-koeżjoni soċjali fi*** Stat Membru, ***iż-żona tal-euro,*** jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 177**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali***; "Żbilanċi" jidhru*** |

| | |
|---|---|
| | ***minħabba d-dehra ta' żbilanċi kbar fil-kont kurrenti, telf sinifikanti tal-kompetittività, prezzijiet tal-assi minfuħin, livell għoli ta' stat ta' dejn estern, fis-settur pubbliku jew fis-settur privat, l-istat ta' dejn li sejjer għall-agħar jew riskju sinifikanti li tqajjem xi waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika tad-definizzjoni tal-iżbilanċi skont il-proposta tal-BĊE.*

**Emenda 178**
**Antolín Sánchez Presedo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi ***inklużi x-xejriet ta' kompetittività mhux sostenibbli li jnaqqsu kostantement l-ekwilibriji interni u jżidu d-diverġenzi fost l-Istati Membri*** li qed jaffettwaw negattivament jew ***li*** għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 179**
**Udo Bullmann**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***makroekonomiċi*** li qed ***jaffettwaw*** negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li ***jaffettwaw*** negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***li jiddevjaw kostantement bejn id-domanda globali u l-provvista globali li jwasslu għal bilanċ favorevoli jew żbilanċ sistematiku fil-pożizzjoni ġenerali tat-tifdil ta' ekonomija,*** li qed ***taffettwa*** negattivament jew ***għandha*** *l-potenzjal* li taffettwa negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 180**
**Thomas Händel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***makroekonomiċi*** li qed ***jaffettwaw*** negattivament jew ***għandhom*** *il-potenzjali* li ***jaffettwaw*** negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali**.** | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi ***li jiddevjaw kostantement bejn id-domanda globali u l-provvista globali li jwasslu għal bilanċ favorevoli jew żbilanċ sistematiku fil-pożizzjoni ġenerali tat-tifdil ta' ekonomija,*** li qed ***taffettwa*** negattivament jew ***għandha*** *l-potenzjal* li ***taffettwa*** negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinbena proċess ta' politika li tiffunzjona tajjeb, hi meħtieġa definizzjoni ġenerali iżda preċiża li tkopri t-tipi kollha possibbli tal-iżbilanċi. L-emenda tipprovdi tali definizzjoni.*

**Emenda 181**
**Gunnar Hökmark**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, ***it-tħaddim xieraq tal-ekonomija*** ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, ***l-istabilità tal-finanzi pubbliċi*** ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 182**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser ***kwalunkwe xejra li tagħti bidu għal*** żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 183**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | (a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq ***u/jew il-kompetittività*** tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. en

**Emenda 184**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjali* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru ***jew*** tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. | a) "żbilanċi" tfisser żviluppi makroekonomiċi li qed jaffettwaw negattivament jew għandhom *il-potenzjal* li jaffettwaw negattivament, it-tħaddim xieraq tal-ekonomija ta' Stat Membru ***u għaldaqstant*** tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-Unjoni b'mod ġenerali. |

Or. hu

**Emenda 185**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser ***żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu*** t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. | (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser ***li jiddevjaw kostantement bejn id-domanda globali u l-provvista globali li jwasslu għal bilanċ favorevoli jew żbilanċ sistematiku fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***pożizzjoni ġenerali tat-tifdil ta' ekonomija, li qed jaffettwaw negattivament jew ixekklu*** t-tħaddim xieraq ***tal-ekonomnija ta' Stat Membru jew*** tal-unjoni ekonomika u monetarja ***b'mod ġenerali.*** |

Or. en

**Emenda 186**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. | (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja***, bħall-iżbilanċi u l-bilanċi favorevoli eċċessivi tal-kontijiet kurrenti, il-prezzijiet tal-assi minfuħin jew domanda interna kostantement dgħajfa.*** |

Or. en

**Emenda 187**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. | (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi ***pożittivi jew negattivi***, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja ***jew il-koeżjoni soċjali tagħha.*** |

Or. en

**Emenda 188**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. | (b) "żbilanċi eċċessivi ***u vulnerabilitajiet"*** tfisser żbilanċi ***u vulnerabilitajiet*** li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja.***'*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Thomas Händel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – Paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika u monetarja. | (b) "żbilanċi eċċessivi" tfisser żbilanċi severi, inklużi żbilanċi li jxekklu t-tħaddim xieraq tal-unjoni ekonomika***, soċjali*** u monetarja. |

Or. en

**Emenda 190**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-detezzjoni tal-iżbilanċi | Id-detezzjoni tal-iżbilanċi ***u l-vulnerabilitajiet*** |

Or. en

**Emenda 191**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. | 1. Wara konsultazzjoni ***wiesgħa u trasparenti*** mal-Istati Membri ***kollha u l-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi ***makroekonomiċi fl-Unjoni***. |

Or. en

**Emenda 192**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. | 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri ***u l-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi ***u l-vulnerabilitajiet (l-iżbilanċi u l-bilanċi favorevoli fejn rilevanti)***. |

Or. en

**Emenda 193**
**Sari Essayah**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. | 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri ***u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. |

Or. fi

**Emenda 194**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. | 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri ***u l-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. |

Or. en

**Emenda 195**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi. | 1. Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri ***u l-Parlament Ewropew***, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l- |

| | |
|---|---|
| | monitoraġġ tal-iżbilanċi. |

Or. en

**Emenda 196**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Wara konsultazzjoni mal-Istati Membri l-Kummissjoni*** għandha tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni ***indikattiva bħala għodda biex tħaffef l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi.*** | 1. ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni bikrija u l-monitoraġġ tal-iżbilanċi, il-Kummissjoni*** għandha tistabbilixxi***, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu -12 u suġġetta għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli -12a u -12b***, tabella ta' valutazzjoni ***li tinkludi l-indikaturi li ġejjin, li jistgħu jiġu emendati meta tinħass il-ħtieġa sabiex jiġu integrati żbilanċi emerġenti ġodda u jiġu vvalutati aħjar il-pożizzjonijiet tal-kompetittività jew żbilanċi eċċessivi interni u esterni rigward:*** |

Or. en

**Emenda 197**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(a) swieq ta' prodotti u servizzi (l-inflazzjoni, il-bilanċ tal-kontijiet kurrenti, l-infiq pubbliku u privat għar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D), l-akkomodazzjoni, l-evoluzzjonital-prezzijiet agrikoli u tal-enerġija);*** |

Or. en

**Emenda 198**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(b) swieq tal-kapital (it-tkabbir tal-kreditu, id-dejn pubbliku u privat, l-investimenti pubbliċi u privati, l-investimenti barranin diretti – esklużi l-pożizzjonijiet tal-assi barranin, id-domanda globali);*** |

Or. en

**Emenda 199**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(c) is-suq industrijali (ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni)*** |

Or. en

**Emenda 200**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(d) is-swieq tax-xogħol (ir-rata tal-impjiegi u tal-qgħad skont is-sess u l-età, l-iskala tal-pagi u kumpensi, l-investiment*** |

***fl-edukazzjoni, il-faqar);***

Or. en

**Emenda 201**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e)it-tassazzjoni (ir-rati tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol u l-kapital, tassazzjoni fuq il-wirt, progressività tat-tassazzjoni fuq id-dħul);*** |

Or. en

**Emenda 202**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 – punt f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(f) sostenibilità fiskali, ekonomika, soċjali u ambjentali*** |

Or. en

**Emenda 203**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 1 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha tqis, meta tindirizza l-iżbilanċi makroekonomiċi, il-*** |

***kondizzjonijiet ġenerali li taħthom dawn qegħdin jiżviluppaw, jiġifieri l-impatti asimetriċi kkawżati mill-globalizzazzjoni mifruxa mal-Unjoni Ewropea, it-tkabbir tad-domanda globali, il-livell differenti tar-rata tal-imgħax tal-finanzjament tad-dejn sovran u privat, il-kondizzjonijiet tal-kreditu fis-suq tal-bejgħ bl-imnut, id-differenzi fit-tassazzjoni madwar l-Ewropa, b'mod partikolari t-taxxi korporattivi, u l-istrumenti u l-kondizzjonijiet disponibbli fl-UE biex tiġi appoġġjata l-konverġenza soċjali u reġjonali.***

Or. en

**Emenda 204**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji ***għall-Istati Membri.*** Il-Kummissjoni ***tista'*** tistabbilixxi limiti indikattivi aktar baxxi jew ogħla ***għal dawn l-indikaturi*** biex iservu ta' livelli ta' twissija. ***Il-limiti applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri l-oħra.*** | 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi***,*** makrofinanzjarji u ***soċjali. Din għandha tqis il-livell individwali tal-iżvilupp tal-Istat Membru u l-piż ekonomiku relattiv ġewwa l-Unjoni u ż-żona tal-euro. L-indikaturi għandhom jippermettu li jiġu identifikati miżallinjamenti serji bejn id-domanda u l-provvista globali u bejn id-dħul u l-konsum ta' ekonomija u għandhom jirriflettu x-xejriet strutturali, għal terminu qasir u għal terminu medju u twil ta' żmien***. Il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi limiti indikattivi aktar baxxi ***u simetriċi*** ogħla ***għall-indikaturi*** biex iservu ta' livelli ta' twissija. |

Or. en

**Emenda 205**
**Liem Hoang Ngoc**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi u ***makrofinanzjarji*** għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi limiti indikattivi aktar baxxi ***jew*** ogħla għal dawn l-indikaturi biex iservu ta' livelli ta' twissija. Il-limiti applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri l-oħra. | 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi u ***soċjali*** għall-Istati Membri. ***Dawn se jippermettu li jiġu identifikati miżallinjamenti serji bejn id-domanda u l-provvista globali u bejn id-dħul u l-konsum ta' ekonomija. Indikaturi soċjali se jinkludu, fost l-oħrajn, indikaturi dwar l-inugwaljanzi, l-inċidenza tal-pagi baxxi, il-ħaddiema foqra, is-sehem tad-dħul mix-xogħol fil-PGD ġenerali u r-rati tal-qligħ għal kull unità.*** Il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi limiti indikattivi ***simetriċi*** aktar baxxi ***u*** ogħla għal dawn l-indikaturi biex iservu ta' livelli ta' twissija. Il-limiti applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri l-oħra. |

Or. en

**Emenda 206**
**Iliana Ivanova, Ildikó Gáll-Pelcz, Theodor Dumitru Stolojan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji ***għall-Istati Membri.*** Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi limiti indikattivi aktar baxxi jew ogħla għal dawn l-indikaturi biex iservu ta' livelli ta' twissija. Il-limiti | 2. It-tabella ta' valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta' indikaturi makroekonomiċi, makrofinanzjarji u ***strutturali, li huma adegwati biex jitkejlu l-ekwilibriju ekonomiku u l-kompetittività tal-Istati Membri mqabbla ma' Stati Membri oħra kif ukoll il-kompetittività*** |

| | |
|---|---|
| applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom ***hija*** l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri ***l-oħra***. | ***internazzjonali tagħhom***. Il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi limiti indikattivi aktar baxxi jew ogħla għal dawn l-indikaturi biex iservu ta’ livelli ta’ twissija. Il-limiti ***għandhom jinkorporaw il-proċess tal-irkupru għal Stati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro. Il-limiti*** applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom ***mhix*** l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri ***fiż-żona tal-euro***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun hemm differenzjazzjoni fil-limitu bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u dawk li mhumiex fiż-żona tal-euro u l-limitu għandu jinkorpora l-proċess tal-irkupru.*

**Emenda 207**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-tabella ta’ valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta’ indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji ***għall-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista’*** tistabbilixxi limiti indikattivi ***aktar baxxi jew ogħla għal dawn l-indikaturi*** biex iservu ta’ livelli ta’ twissija. ***Il-limiti applikabbli għall-Istati Membri li l-valuta tagħhom hija l-euro jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għall-Istati Membri l-oħra.*** | 2. It-tabella ta’ valutazzjoni għandha tkun komposta minn firxa ta’ indikaturi makroekonomiċi**,** makrofinanzjarji u ***soċjali u għandha tippermetti l-paragun tax-xejriet strutturali, għal terminu qasir, medju u twil ta’ żmien bejn l-Istati Membri differenti. Għal dawn l-indikaturi, il-Kummissjoni għandha*** tistabbilixxi limiti indikattivi ***u simetriċi fejn rilevanti,*** biex iservu ta’ livelli ta’ twissija. |

Or. pt

**Emenda 208**
**Thomas Händel**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista’ twettaq missjonijiet ta’ sorveljanza fl-Istat Membru kkonċernat biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni korrettiva. | 3. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' sorveljanza fl-Istat Membru kkonċernat biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva. ***Jekk ir-rakkomandazzjonijiet ma jiġux implimentati, il-konklużjonijiet tal-missjoni għandhom isiru pubbliċi.*** |

Or. en

**Emenda 358**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' sorveljanza ***fl-Istat Membru kkonċernat biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva.*** | 3. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' sorveljanza ***fl-Istati Membri kkonċernati***. |

Or. en

**Emenda 359**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' sorveljanza fl-Istat Membru kkonċernat biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni ***korrettiva***. | 3. Il-Kummissjoni tista' twettaq missjonijiet ta' sorveljanza fl-Istat Membru kkonċernat biex tissorvelja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. |

Or. pt

**Emenda 360**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* ***jinbidlu,*** il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, ***jista' jemenda*** r-rakkomandazzjonijiet ***addottati fl-Artikolu*** *7* skont il-proċedura stabbilita fl- | 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* ***li qed jinbidlu u, b'mod partikolari, sejrin għall-agħar jeħtieġu reazzjonijiet adegwati,*** il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni ***jew mill-Parlament*** |

istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta’ azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8.

***Ewropew għandu jadotta*** r-rakkomandazzjonijiet ***tiegħu u jevitaw politiki proċikliċi minn jaggravaw is-sitwazzjoni ekonomika jew soċjali fl-Istat Membru konċernat, u*** skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8.

Or. en

**Emenda 361**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* jinbidlu, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista’ jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta’ azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. | 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* jinbidlu, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista’ jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. Il-***Kunsill jista’ jiċħad ir-rakkomandazzjonijiet b’maġġoranza kwalifikata fi żmien għaxart ijiem.*** L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta’ azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. |

Or. en

**Emenda 362**
**Astrid Lulling**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* jinbidlu, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. | 4. Jekk iċ-ċirkostanzi *ekonomiċi* jinbidlu ***għal raġunijiet barra l-kontroll ta' Stat Membru,*** il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. |

Or. en

**Emenda 363**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu, il-Kunsill, fuq ***rakkomandazzjoni*** mill-Kummissjoni, jista' jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. | 4. Jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu, il-Kunsill, fuq ***proposta*** mill-Kummissjoni, jista' jemenda r-rakkomandazzjonijiet addottati fl-Artikolu 7 skont il-proċedura stabbilita fl-istess Artikolu. L-Istat Membru kkonċernat għandu jissottometti pjan ta' azzjoni korrettiva rivedut li għandu jkun ezaminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8. |

Or. en

**Emenda 364**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jikkonkludi jekk l-Istati ***Membru kkonċernat ħax*** l-azzjoni korrettiva rakkomandata ***jew le.*** | 1. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jikkonkludi jekk l-Istati ***Membri kkonċernati ħadux*** l-azzjoni korrettiva rakkomandata ***u jekk implimentawx l-azzjonijiet jew le sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni effettiva u ġusta tal-piż kinitx ġusta u effettiva għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv.*** |

Or. en

**Emenda 365**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jikkonkludi jekk *l-Istat* Membru kkonċernat ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata jew le. | 1. Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, ***u wara l-informazzjoni tal-Parlament Ewropew,*** il-Kunsill għandu jikkonkludi jekk *l-Istat* Membru kkonċernat ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata jew le. |

Or. en

**Emenda 366**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Abbażi ta' rapport tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jikkonkludi*** jekk *l-Istati* Membru kkonċernat ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata jew le. | 1. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi*** jekk *l-Istat* Membru kkonċernat ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata jew le. |

Or. en

**Emenda 367**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Permezz tal-Artikolu 121(3), rapport addizzjonali għandu jiġi elaborat mill-Kummissjoni fejn issir valutazzjoni dwar jekk l-iżbilanċi makroekonomiċi fi ħdan l-Unjoni ċkinux jew le, waqt li jitqiesu xi aspetti wiesgħa tal-UE bħad-domanda Ewropea, l-opportunitajiet tas-swieq, il-kondizzjonijiet tal-kreditu, l-ispazju fiskali għall-investimenti, appoġġ finanzjarju għal reġjuni li qed jirkupraw, eċċ.*** |

Or. en

**Emenda 368**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Ir-rapport*** tal-Kummissjoni ***għandu jsir pubbliku***. | 2. ***il-konklużjonijiet*** tal-Kummissjoni ***għandhom jiġu diskussi fil-Kunsill u jsiru pubbliċi***. |

Or. en

**Emenda 369**
**Ildikó Gáll-Pelcz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport tal-Kummissjoni ***għandu jsir pubbliku***. | 2. Ir-rapport tal-Kummissjoni ***u l-pożizzjoni tal-Kunsill għandhom isiru pubbliċi***. |

Or. hu

**Emenda 370**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ir-rapport tal-Kummissjoni ***għandu jsir pubbliku***. | 2. Ir-rapport tal-Kummissjoni ***u l-konklużjonijiet tal-Kunsill għandhom isiru pubbliċi***. |

Or. en

**Emenda 371**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill għandhom jiġu addottati sad-data ta' skadenza stabbilita mill-Kunsill fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 7. | 3. Il-konklużjonijiet ***tal-Kummissjoni*** għandhom jiġu addottati sad-data ta' skadenza stabbilita ***mill-Kummissjoni*** fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 7. |

Or. en

**Emenda 372**
**Wolf Klinz, Burkhard Balz, Gunnar Hökmark, Olle Schmidt**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu.*** | ***imħassra*** |

Or. en

**Emenda 373**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, ***il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq*** rakkomandazzjoni ***mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal*** azzjoni korrettiva ***u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu.*** | 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-***Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru jagħti spjegazzjoni, skont liema l-Kummissjoni għandha toħroġ*** rakkomandazzjoni ***li terġa' tiddikkjara, tirrevedi jew tikkanċella l-pjan approvat ta'*** azzjoni korrettiva. |

Or. en

**Emenda 374**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ***ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill,*** fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, ***fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni*, *li*** jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida ***għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu.*** | 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ***implimentax ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, dan tal-aħħar,*** fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta ***jew jemenda r-***rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7***, jekk meħtieġ*** jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida. |

Or. pt

**Emenda 375**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn dan jikkonkludi li ***l-Istat Membru*** ma ***ħax*** l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. | 4. Fejn dan jikkonkludi li ***l-Istati Membri*** ma ***ħadux*** l-azzjoni korrettiva rrakkomandata ***u/jew li l-azzjonijiet tal-politika implimentati ma kinux ġusti u effettivi għall-korrezzjoni tal-iżbilanċ eċċessiv,*** il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. |

Or. en

**Emenda 376**
**Carl Haglund**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. | 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. |
| | ***Ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni għandha titqies adottata mill-Kunsill sakem dan ma jiddeċidix, b'maġġoranza kwalifikata li jiċħad ir-rakkomandazzjoni fi żmien għaxart ijiem mindu tkun adottatha l-Kummissjoni.*** |

Or. en

**Emenda 377**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn ***dan jikkonkludi*** li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li | 4. Fejn ***il-Kummissjoni tikkonkludi*** li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal |

| | |
|---|---|
| sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. | azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. |

Or. en

**Emenda 378**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq ***rakkomandazzjoni*** tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq ***rakkomandazzjoni*** mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. | 4. Fejn dan jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-Kunsill, fuq ***proposta*** tal-Kummissjoni, għandu jaddotta rakkomandazzjonijiet riveduti skont l-Artikolu 7, fuq ***proposta*** mill-Kummissjoni, li jistabbilixxu data ta' skadenza ġdida għal azzjoni korrettiva u li sa dak inhar għandha titwettaq valutazzjoni oħra skont dan l-Artikolu. |

Or. en

**Emenda 379**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha ***tiġi sospiża***. | 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha ***tingħalaq. Jekk l-implimentazzjonital-azzjoni korrettiva rrakkomandata ma twassalx , wara perjodu ta' sena wara l-implimentazzjoni, għal tnaqqis sinifikanti fl-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi, il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Kummissjoni għandha tirrevedi l-metodoloġija tagħha u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Parlament nazzjonali tal-Istat Membru li jkun għaddej mill-proċedura. Ir-rapport għandu jiġi ppubblikat u jekk jitqies inadegwat mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tħallas multa ta' kumpens lill-Istat Membru li qabel kien għaddej mill-proċedura.*** |

Or. en

**Emenda 380**
**Miguel Portas**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li l-Istat Membru ***ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata***, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. | 5. Fejn il-Kunsill***, abbażi tar-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont paragrafu 4,*** jikkonkludi li l-Istat Membru ***implimenta r-rakkomandazzjonijiet li ġew suġġeriti jew, jekk m'għamilx dan, li ppreżenta riżultati sodisfaċenti fir-rigward tal-korrezzjoni tal-iżbilanċi,*** il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. |

Or. pt

**Emenda 381**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ | 5. Fejn il-Kunsill***, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni skont paragrafu 4,*** jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni |

| | |
|---|---|
| eċċessiv għandha tiġi sospiża. | korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. |

Or. en

**Emenda 382**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li ***l-Istat Membru ħa*** l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. | 5. Fejn il-Kunsill jikkonkludi li ***l-Istati Membri kkonċernati ħadu*** l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. |

Or. en

**Emenda 383**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn ***il-Kunsill*** jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. | 5. Fejn ***il-Kummissjoni*** jikkonkludi li l-Istat Membru ħa l-azzjoni korrettiva rrakkomandata, il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tiġi sospiża. |

Or. en

**Emenda 384**
**Elisa Ferreira**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Fejn il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont paragrafu 4, jikkonkludi li l-Istat Membru ma ħax l-azzjoni korrettiva rakkomandata, id-deċiżjoni tal-Kunsill għandha tkun infurzabbli skont ir-Regolament (UE) Nru .../2011.*** |

Or. en

**Emenda 385**
**Carl Haglund**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta l-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 10 (4) jew l-Artikolu 8 (1) u (2), jikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata jew ma jkunx ipprovda pjan ta' azzjoni korrettiva suffiċjenti, huwa għandu jimponi multa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru .../2011.*** |

Or. en

**Emenda 386**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Meta l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4, jikkonkludi li l-Istat Membru ma jkunx*** |

***ħa l-azzjoni korrettiva rakkomandata, huwa għandu jimponi multa f'konformità mar-Regolament (UE) Nru .../2011.***

Or. en

**Emenda 387**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-istat tas-sospensjoni tal-proċedura għall-Istati Membri kkonċernati għandu jkun rivedut regolarment ***mill-Kunsill***, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafi (1) sa (5). | 6. L-istat tas-sospensjoni tal-proċedura għall-Istati Membri kkonċernati għandu jkun rivedut regolarment ***mill-Kummissjoni***, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafi (1) sa (5). |

Or. en

**Emenda 388**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Meta l-Kummissjoni tagħmel rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 10 5 a (ġdid), għandhom jidħlu fis-seħħ il-bidliet fit-trattament tad-dejn sovran fir-rekwiżiti kapitali skont l-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) .../2011 dwar il-miżuri ta' infurzar biex jiġu kkoreġuti żbilanċi makroekonomiċi eċċessivi fiż-żona tal-euro.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda għandha tiġi kkunsidrata wara l-paragrafu 41 ta' emenda tal-Artikolu 10 - paragrafu 5 a (ġdid) ta' Ferreira.*

**Emenda 389**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tingħalaq hekk kif il-Kunsill jikkonkludi, ***fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,*** li l-Istat Membru m'għadux jesperjenza żbilanċi eċċessivi. | Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tingħalaq hekk kif il-Kunsill jikkonkludi li l-Istat Membru m'għadux jesperjenza żbilanċi eċċessivi ***fit-tifsira tal-Artikolu 2(b) (jiġifieri, l-iżbilanċi serji, inklużi l-iżbilanċi li jfixklu l-funzjonament tajjeb tal-unjoni ekonomika u monetarja)***. |

Or. en

**Emenda 390**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tingħalaq hekk kif il-Kunsill jikkonkludi, fuq ***rakkomandazzjoni*** mill-Kummissjoni, li l-Istat Membru m'għadux jesperjenza żbilanċi eċċessivi. | Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv għandha tingħalaq hekk kif il-Kunsill jikkonkludi, fuq ***proposta*** mill-Kummissjoni, li l-Istat Membru m'għadux jesperjenza żbilanċi eċċessivi. |

Or. en

**Emenda 391**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan il-paragrafu ma jfissirx li l-għeluq tal-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv se jkun akkompanjat għall-Istati Membri kollha meta jiġu evalwati l-iżbilanċi eċċessivi tagħhom bħala r-riżultat ta' żvilupp ekonomiku jew finanzjarju fi Stat Membru wieħed jew aktar.*** |

Or. en

**Emenda 392**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – Paragrafu 1 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-qsim tal-piż se jitqies li hu komplet ladarba jingħalqu l-proċeduri ta' żbilanċ eċċessiv kollha li huma marbuta.*** |

Or. en

**Emenda 393**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu IV – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dispożizzjonijiet ***finali*** | Dispożizzjonijiet ***komuni*** |

Or. en

**Emenda 394**
**Sharon Bowles**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Lagħqat Bejn il-Parlamenti*** |
| | ***Kull meta jkun hemm stedina għal laqgħa bejn il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew u Stat Membru sabiex tiġi spjegata pożizzjoni, l-azzjoni meħtieġa jew d-diverġenza mir-rekwiżiti fil-laqgħa għandhom isiru taħt l-awspiċi ta' wieħed minn dawn:*** |
| | ***(a) il-Parlament Ewropew*** |
| | ***(b) il-Parlament tal-Istat Membru jew*** |
| | ***(c) il-Parlament tal-Presidenza b'Rotazzjoni*** |

Or. en

**Emenda 395**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kunsill u mill-Kummissjoni se tkun konsistenti mal-Artikolu 3 tat-Trattat u mal-kwalżoli orizzontali tat-TFUE, partikolarment l-Artikoli 7, 8, 9, 10 u 11, u anke mal-Linji Gwida Ġenerali għall-Politika Ekonomika.*** |

Or. en

**Emenda 396**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a*** |
| | ***Sabiex jiżdiedu l-iskrutinju pubbliku, ir-responsabilità u s-sjieda nazzjonali, meta jkunu qed jiġu diskussi u meta jiġu adottati l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet imemmija fl-Artikoli 4, 6, 7, 8, 9, 10 u 11, id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill se jkunu miftuħa għall-pubbliku skont l-Artikolu 8.3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/683/KE tal-15 ta' Settembru 2006 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.*** |

Or. en

**Emenda 397**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12*** |
| | ***Iż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura djalogu permanenti mal-awtoritajiet u r-rappreżentanti politiċi li jkun skont l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha twettaq, fl-Istati Membri kollha, żjarat bl-għan ta' djalogu regolari u evalwazzjoni tal-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi marbuta mal-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva rakkomandata.*** |

***2. Meta torganizza żjajjar ta' djalogu u ta' evalwazzjoni, il-Kummissjoni, jekk ikun rilevanti, għandha tittrażmetti r-riżultati proviżorji tagħha lill-awtoritajiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri konċernati għall-kummenti tagħhom.***

***3. Il-Kummissjoni, fil-kuntest taż-żjarat ta' djalogu, għandha teżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni ekonomika u soċjali attwali fl-Istat Membru u tidentifika r-riskji jew id-diffikultajiet li jista' jkollu biex jikkonforma mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.***

***4. Il-Kummissjoni, fil-kuntest taż-żjarat ta' sorveljanza, għandha timmonitorja l-proċessi u tivverifika li ttieħdu miżuri skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni skont l-objettivi ta' dan ir-Regolament.***

***5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi u taġġorna l-evalwazzjoni soċjali li ttieħdet mid-DĠ għall-Impjieg qabel ma jkunu ħarġu r-rakkomandazzjonijiet.***

***6. Iż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni għandhom isiru kull fejn ikunu ħarġu r-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tistieden lir-rappreżentanti tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku jew ta' istituzzjonijiet rilevanti oħra biex jieħdu sehem fiż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni.***

***7. Il-Kummissjoni se tinforma b'mod regolari lill-kumitati kompetenti fil-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati taż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni.***

***8. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiffaċilitaw ż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni. L-Istati Membri, fuq talba tal-Kummissjoni u fuq bażi volontarja, għandhom jipprovdu l-għajnuna tal-awtoritajiet nazzjonali relevanti kollha għat-tħejjija u t-twettiq taż-żjarat ta' djalogu u ta' evalwazzjoni.***

Or. en

**Emenda 398**
**Kay Swinburne**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12*** |
| | ***Żjarat ta' djalogu u ta' sorveljanza*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura djalogu permanenti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri skont l-objettivi ta' dan ir-Regolament. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha twettaq, fl-Istati Membri kollha, żjarat bl-għan ta' djalogu regolari u, meta jkun xieraq, ta' sorveljanza.*** |
| | ***2. Meta torganizza żjarat ta' djalogu jew ta' sorveljanza, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti r-riżultati proviżorji tagħha lill-Istati Membri konċernati għall-kummenti tagħhom.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni, fil-kuntest taż-żjarat ta' djalogu, tista' teżamina mill-ġdid is-sitwazzjoni ekonomika attwali fl-Istat Membru u tidentifika r-riskji jew id-diffikultajiet li jista' jkollu biex jikkonforma mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***4. Il-Kummissjoni, fil-kuntest taż-żjarat ta' sorveljanza, għandha timmonitorja l-proċessi u tivverifika li ttieħdu miżuri skont id-deċiżjonijiet tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni skont l-objettivi ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***Iż-żjarat ta' sorveljanza għandhom jitqiesu kull meta jinħarġu rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni tista' tistieden lil rappreżentanti tal-Bank Ċentrali Ewropew jew ta' istituzzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***rilevanti oħra biex jieħdu sehem fiż-żjarat ta' sorveljanza fiż-żona tal-euro.*** |
| | ***5. Il-Kummissjoni tista' tinforma regolarment lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar ir-riżultati taż-żjarat ta' djalogu u ta' sorveljanza.*** |
| | ***6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiffaċilitaw iż-żjarat ta' djalogu u ta' sorveljanza. L-Istati Membri, fuq talba tal-Kummissjoni u fuq bażi volontarja, għandhom jipprovdu l-għajnuna tal-awtoritajiet nazzjonali relevanti kollha għat-tħejjija u t-twettiq taż-żjarat ta' djalogu u ta' sorveljanza.*** |

Or. en

**Emenda 399**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(3a) u (4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin minn….*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward is-setgħa delegata sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal awtomatikament għal perjodi ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahiex skont l-Artikolu -12b.*** |
| | ***2. Malli tadotta att delegat, il-Kummisjsoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u*** |

***lill-Kunsill.***

***3. Is-setgħa biex tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli -12b u -12c.***

______

****** Data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

**Emenda 400**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12 a*** |
| | ***Eżerċitar tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħat biex jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2c (ġdid) għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni għall-perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 4b ġdid.*** |
| | ***2. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha simultanjament tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.*** |
| | ***3. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4b ġdid u 4c ġdid.*** |

Or. en

**Emenda 401**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu -12b*** |
| | ***Revoka tad-delega*** |
| | ***1. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(3a) u (4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*** |
| | ***2. L-istituzzjoni li tniedi proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega tas-setgħat għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka.*** |
| | ***3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. en

**Emenda 402**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12b*** |
| | ***Revoka tad-delega*** |
| | ***1. Id-delega ta' setgħat imsemmija fl-Artikoli 3 (4) u 4 (1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.*** |
| | ***2. L-istituzzjoni li tniedi proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax is-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed deċiżjoni finali, filwaqt li tindika s-setgħat delegati li jistgħu jkunu suġġetti għal revoka.*** |
| | ***3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ immedjatament jew f'data ulterjuri stipulata minnha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. en

**Emenda 403**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12c*** |
| | ***Oġġezzjonijiet għall-atti delegati*** |
| | ***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' tliet xhur mid-data tal-adozzjoni tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-*** |

***Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perjodu għandu jkun estiż bi tliet xhur.***

***2. Jekk, kif jintemm il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, l-att għandu jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.***

***3. L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet.***

***4. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. Skont l-Artikolu 296 TFUE, l-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.***

Or. en

**Emenda 404**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12c*** |
| | ***Oġġezzjonijiet għall-atti delegati*** |
| | ***1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.*** |
| | ***Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perjodu għandu*** |

***jkun estiż b'xahrejn.***

***2. Jekk, kif jintemm il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, l-att għandu jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.***

***L-atti delegati jistgħu jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħlu fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet***

***3. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għall-att iddelegat dan ma għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att delegat.***

Or. en

**Emenda 405**
**Sylvie Goulard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12 d*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***1. Sa ***, u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ġenerali dwar l-esperjenza miksuba. Dan ir-rapport għandu, inter alia, jevalwa:*** |
| | ***- l-adegwatezza tas-sistema ta' tabella ta' valutazzjoni, il-mekkaniżmu ta' twissija u r-reviżjoni fid-dettall;*** |
| | ***- il-proċess ta' segwitu tal-azzjoni*** |

***korrettiva;***

***- il-limitu ta' żmien li fih irid jitlesta l-proċess (l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi);***

***- il-konsistenza mal-ħidma tal-ESRB kif ukoll mal-istatuti tiegħu.***

***2. Ir-rapport u kwalunkwe proposta li tinħareġ miegħu, kif jixraq, għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

****** 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament***

Or. en

**Emenda 406**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu -12 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12d*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***1. Sa ... * u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu, inter alia, jevalwa:*** |
| | ***(a) jekk l-indikaturi u l-limiti tat-tabella ta' valutazzjoni rnexxielhomx jidentifikaw l-iżbilanċi li jitfaċċaw u jissorveljaw l-iżvilupp tagħhom;*** |
| | ***(b) il-progress tal-kordinament effettiv tal-politiki ekonomiċi f'konformità mat-TFUE.*** |
| | ***2. Ir-rapport u kwalunkwe proposta li tinħareġ miegħu għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

***ĠU jekk jogħġbok niżżel id-data: xxx snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

**Emenda 407**
**Carl Haglund**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu -12d*** |
| | ***Reviżjoni*** |
| | ***1. Sa ... * u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |
| | ***2. Ir-rapport u kwalunkwe proposta li tinħareġ miegħu għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |
| | ***3. Jekk ir-rapport jidentifika ostakli għall-funzjonament tajjeb tad-dispożizzjonijiet fit-Trattati, li jirregolaw l-unjoni ekonomika u monetarja, hija għandha tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Kunsill Ewropew.*** |
| | ***4. Ir-rapport għandu jinkludi proposta biex tiġi estiża l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata bil-maqlub għall-fażijiet kollha tal-proċedura msemmija f'dan ir-regolament.*** |

Or. en

**Emenda 408**
**Jürgen Klute**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – Paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***. | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***meta jiġu sodisfati dawn il-kundizzjonijiet:*** |
| | ***- il-valutazzjoni trasparenti tal-impatt soċjali li ssir mill-Kummissjoni, tagħti prova tal-adegwatezza tar-regolamenti u d-direttivi konnessi mal-pakkett tal-Governanza Ekonomika biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għat-tkabbir, l-impjiegi u l-eliminazzjoni tal-faqar kif stabbiliti fl-Istrateġija UE 2020;*** |
| | ***- ir-regolazzjoni effettiva tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni tipprevieni żbilanċi makroekonomiċi u makrofinanzjarji milli jiġu rinfurzati minn theddid estern***. ***Din ir-regolazzjoni għandha tinkludi l-projbizzjoni Ewropea ta' bejgħ skopert u ta' derivattivi OTC kif ukoll l-introduzzjoni ta' taxxa Ewropea fuq tranżazzjoni finanzjarja;*** |
| | ***- iċ-ċirkustanzi ekonomiċi normali jkunu ġew stabbiliti mill-ġdid fl-Unjoni kollha;*** |

Or. en

**Emenda 409**
**Philippe Lamberts**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Dan għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2013*** |

Or. en

**Emenda 410**
**Herbert Dorfmann, Danuta Maria Hübner, Alfredo Pallone, Gay Mitchell, Iliana**

**Ivanova**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Rapport*** |
| | ***1. Kull sena minn hawn 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżentah lill-Parlament Ewropew.*** |
| | ***2. Ir-rapport u kwalunkwe proposta li tinħareġ miegħu għandhom jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.*** |

Or. en